MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 188/2003/1

**Carmela sive Bella Hili bhala eredi universali ta' ommha Therese Hili**

**vs**

**Meli Car Rentals Limited u Paul Hili**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Novembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. tiddikjara null u inattendibbli l-mandat ta' qbid numru 446/2002 mahrug minn din il-Qorti in kwantu l-oggetti maqbuda u elevati mill-marixxalli, huma tal-attrici noe u mhux tal-prezunt debitur;
2. tordna lill-Marixxalli li esegwixxu l-istess mandat li jirrilaxxaw immedjatament l-oggetti elenkati fid-dokument A u dokument B annessi mal-avviz;
3. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex immedjatament u fi zmien li din il-Qorti joghgobha tipprefiggi, tirritorna l-istess oggetti lill-attrici fil-fond minn fejn gew elevati u fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici taghmel l-istess a spejjez tal-istess socjeta' konvenuta.
4. Tordna li lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez tal-konsenjatarju, jekk inhu l-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 16 tal-atti u markati Dok A u Dok B.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol 19 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-avviz odjern huwa null stante illi l-qualita arrogata mill-attrici lilha nnifisha, cioe dik ta' rapprezentanti ta' persuna mejta mhiex kontemplata mill-ligi u cioe ma tikkontemplax proceduri maghmula minn jew kontra nies mejta;
2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju l-eredita tal-imsemmija Theresa Hili m'ghandhiex personlita guridika separata u distinta mill-attrici nomine u ghaldaqstnat dawn il-proceduri kellhom jigu istitwiti minn Carmela sive Bella Hili "*jure proprio*";
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju it-talbiet attrici huma nulli, irriti u inammissibbli stante li mhumiex preceduti b'talba ghall-dikjarazzjoni illi l-oggetti indikati fid-Dokument A u

d-Dokument B annessi mal-avviz huma propjeta tal-attrici noe;
4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma tezisti ebda cirkostanza kontemplata mill-ligi li ggib maghha in-nullita' tal-Mandat ta' Qbid numru 446/2002;
5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju l-allegazzjoni illi l-oggetti maqbuda u elevati in ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid numru 446/2002 mhumiex propjeta tal-konvenut l-iehor Paul Hili hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
6. Illi isegwi illi t-tieni, it-tielet u r-raba talba tal-attrici noe, ghandhom jigu michuda;
7. Illi minghajr pregudizzju fi kwalunkwe kaz l-oggetti elenkati fid-dokument A anness mal-Avviz huma elenkati ukoll fid-dokument B anness mal-Avviz u ghaldaqstant hemm duplicita fl-oggetti mertu ta' dina l-kawza;
8. Illi minghajr pregudizzju jigi rilevat illi l-oggetti indikati fil-fol 4 tad-Dokument B anness mal-avviz, li ukoll qed jigi allegat mill-attrici noe, li huma propjeta taghha, diga gie ordnat ir-rilaxx taghhom minn din L-Onorabbli Qorti preseduta mill-Magistrat S Meli permezz ta' digriet datat 9 ta' Dicembru 2002 ghal favur tal-konvenut Paul Hili u dana fuq talba tal-istess Paul Hili u ghaldaqstant dawn l-oggetti m'ghandhomx jifformaw parti mill-kawza odjerna'
9. Illi minghajr pregudizzju jigi rilevat illi fi kwalunkwe kaz jekk hemm xi spejjes li ghandhom jithallsu dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut l-iehor Paul Hili u mhux mis-socjeta' esponenti;
10. Salv eccezzjonijeit ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment:

a) in-nota tal-konvenut, Paul Hili u li biha <u>ammetta</u> t-talbiet attrici, ghar-raguni hemm premessa, <u>salv il-kap tal-ispejjes</u> (fol 29 ibid)
b) dak verbalizzat waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju 2004 (fol 62 ibid) minn fejn jidher illi l-attrici w is-

socjeta' konvenuta kienu ttransigew il-meritu ta' din il-kawza izda ma kienx intlahaq ftehim dwar il-hlas tal-ispejjes tal-istess kawza. Difatti nghataw diversi differimenti sabiex tinghata l-possibilta lill-partijiet sabiex issir transazzjoni fuq dan il-kaz izda din ma sehhitx (ara fol 63, 64 u fol 65 ibid).

c) in-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess attrici a fol 122 et seq ibid kif ukoll dik ta' sottomissjonijiet tal-istess sojceta' konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi, esawrit il-meritu ta' din il-kawza u dwar il-kap tal-ispejjes gew konsiderati is-segwenti fatti risultanti mill-provi:-

a) Dan il-kaz jirreferi ghal mandat ta' qbid kawtelatorju numru 446/2002 li gie mahrug, fuq talba tas-socjeta' konvenuta, kontra l-konvenut Paul Hili in konnessjoni ma' "prezz ta' kiri ta' vettura" u aventi bhala sorte l-ammont ta' Lm1491. L–istess mandat, dekretat fit-18 ta' Frar 2002, sussegwentement kien gie esegwit billi gew elevati oggetti, stmati Lm8,500, mill-post 45, Flat 2, Dolphin Buildings, Main Street, Pieta u dan wara li kien gie awtorizzat l-isgass tal-bieb ta' dan l-appartament (fol 2 sa fol 16 ibid).

b) Sussegwentement u wara l-presentata ta' dan l-avviz, kif jidher a fol 54 et seq ibid kien inhareg il-kontro-mandat relattiv permezz ta' digriet moghti fil-21 ta' Jannar 2004.

c) Permezz ta' sentenza moghtija fis-6 ta' Gunju 2003 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, fl-ismijiet "Meli Car Rentals Limited vs Paul Hili" kien gie deciz is-sorte tal-mandat in kwistjoni. F'din is-sentenza ghandu jigi notat illi jinghad fiha "It-Tribunal hu konvnit li mill-provi prodotti is-socjeta' attrici (dik konvenuta fil-kaz in esami) kienet taf ben tajjeb il-vera (veru) indirizz tal-konvenut (dak odjern) ossija dak ta' Flat 2, 60, Triq ix-Xatt, Pieta'. Huwa inkwetanti hafna il-fatt illi wiehed juza indirizz diferrenti meta jaf ben tajjeb li dak mhux l-indirizz korret tar-residenza tieghu … it-Tribunal

hu konvint illi f'dan il-kaz, is-socjeta' attrici kienet taf ben tajjeb l-indirizz veru tal-konvenut u ghogobha tindirizzah f'post differenti". Difatti, fuq din il-bazi, l-istess Tribunal kien ordna li l-ispejjes gudizzjarji jithallsu, interament mill-istess socjeta' attrici, konvenuta f'dan il-kaz (fol 42 et seq ibid).

d) L-attrici xehedet (fol 31 u fol 110 et seq ibid) illi hi tirresjedi "ukoll" fil-post fejn gie esegwit il-mandat in kwistjoni. Fl-istess post f'45, appartament numru 2, Marina Street, Pieta, hi kienet tirrisjedi ma ommha, ormai mejta u l-karta tal-identita tal-istess attrici hi registrata, bhala residenza taghha fuq l-istess post. Fl-istess post ditenut b'titolu ta' kera kien ghad fadal l-ghamara li kienet tappartjeni lill-ommha, Teresa Hili, u fih kien hemm, fil-fatt "hwejjeg taghha (ta' ommha) hwejjeg tieghi, kotba u deheb" oltre "kwadri u linef". Go dan il-post, ma kien hemm xejn appartenenti lil huha Paul Hili, il-konvenut, li filfatt kien jirrisjedi f'post iehor cjoe f'numru 60 appartament numru 2, Marina Street, Pieta. In rigward l-istess mandat, dan kien gie esegwit fl-appartament fejn kienet tirrisjedi ommha, meta din kienet ghada hajja izda toqghod f'dar tal-anzjani. Jigi notat dwar il-konvenut, Paul Hili, illi dan wara l-mewt ta' ommu kien irrinunzja ghal wirt taghha (ara fol 40 ibid).

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti, gew prodotti miz-zewg nahat diversi provi u dawn gew analizzati mill-Qorti. Pero', mill-provi kif hawn fuq esposti, hu sufficjenti sabiex din il-Qorti tikkonkludi illi Paul Hili kien jirrisjedi f'appartament iehor u illi dan il-konvenut ma kellu xejn appartenenti lilu fl-appartament fejn gie esegwit il-mandat in kwistjoni. Inoltre l-istess Qorti tinsab konvinta' illi s-socjeta' konvenuta kienet <u>ben konsapevoli</u> dwar il-fatt illi l-konvenut ma' kienx jirrisjedi f'dan il-post u, b'hekk, seta' jara illi l-oggetti fl-istess post u li gew elevati ma kienux fil-pussess jew appartenenti lill-istess konvenut.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti ma tistax ma tinnotax u ma tirrilevax d-differenza pjuttost kbira bejn l-ammont involut fil-mandat in esami u l-valur stmat tal-oggetti elevati in kawtela tal-istess kreditu vantat mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi b'referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet sottomessa mis-socjeta' konventua u presentata fl-10 ta' Novembru 2008, il-Qorti ghandha tirrileva illi:-

a) ma hemm ebda dubbju illi l-attrici intavolat l-avviz in esami f'isimha propru u mhux f'isem jew in rappresentanza ta' xi terza persuna. Dan jirrizulta, b'mod car mill-okkju ta' din il-kawza.

b) Kif di gja premess, il-konvenut Paul Hili, hu l-attrici, kien iddikjara meta ammetta t-talbiet attrici, illi hu ma jivvanta l-ebda pretiza fuq l-oggetti maqbudin u elevati. Din id-dikjarazzjoni ma giet bl-ebda mod, kontestata b'xi prova kontrarja.

c) Mill-istess avviz, jidher car illi l-attrici kienet talbet dikjarazzjoni minn din il-Qorti dwar in-nullita tal-mandat in kwistjoni "in kwantu l-oggetti maqbuda u elevati mill-marixxalli, huma tal-attrici noe (sbaljatament) u mhux tal-prezunt debitur.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-konvenut, Paul Hili, in rigward il-kap tal-ispejjes, dan ma kkontestax it-talbiet attrici anzi ammettihom kollha kemm huma. Il-Qorti ghandha l-impressjoni illi kien parti f'din il-kawza sabiex jkun hemm l-integrita' tal-gudizzju (ara in nota tieghu a fol 29 ibid u li gja giet citata). In rigward dan il-konvenut, minhabba dak li gie, di gja premess, "supra", il-Qorti tara illi l-ispejjes tieghu, in rigward dawn il-proceduri, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta, kif "del resto"

> gja gie deciz mit-Tribunal imsemmi fil-kawza kontra tieghu.
>
> Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta' dan il-kaz, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attrici u lill-konvenut, Paul Hili, l-ispejjes kollha ta' dawn il-procedura."

L-appell tas-socjeta` konvenuta minn din is-sentenza huwa artikolat fuq il-premessa illi l-istess sentenza hija nulla ghaliex l-ewwel Qorti kellha tabilfors tiddikjaraha parti telliefa fil-gudizzju jew li fil-mertu kienu jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw li l-attrici appellata tinheles mill-kap ta' l-ispejjez. Taht dan il-kap ta' aggravju s-socjeta` appellanti tissottometti illi kien jaggrava fuq il-Qorti li tiddeciedi dwar it-talbiet u ta' l-eccezzjonijiet ghalihom u dan, l-ewwel Qorti naqset li hekk taghmel. B'ilment iehor, is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Taht dan il-kap din s-socjeta` titratta whud mill-eccezzjonijiet minnha sottoposti ghat-talbiet attrici b'gustifikazzjoni ghat-talba taghha lil din il-Qorti li s-sentenza ghandha tigi revokata jew, xort'ohra, annullata;

Fost osservazzjonijiet ohra, l-attrici appellata wiegbet illi meta s-socjeta` konvenuta qablet li l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez hi giet li rrinunzjat ghall-eccezzjonijiet sollevati minnha;

Fil-qosor, l-antecedenti li taw lok ghal kawza kienu dawn:-

(1) Fil-15 ta' Frar, 2002 is-socjeta` konvenuta talbet u otteniet il-hrug ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju (Nru. 446/02) *di fronte* ghad-debitur taghha Paul Hili. Dan il-Mandat gie ezegwit mill-Marixxal ezekutant fis-16 ta' Lulju, 2002 fuq beni li kienu jinsabu fil-fond 45/2 Dolphin Buildings, Marina Street, Pieta`. Ghall-ezekuzzjoni ta' dan

il-Mandat intuzat il-procedura ta’ l-isgass u tqabbad ukoll konsenjatarju;

(2) Wara l-mewt ta’ ommha Teresa Hili (mietet 26 ta’ Jannar, 2003 – ara dokumenti relattivi a fol. 35 *et sequitur*), l-attrici ghaddiet biex fit-28 ta’ Marzu, 2003 intavolat l-opportuna azzjoni diretta, *inter alia*, ghad-dikjarazzjoni tan-nullita tal-mandat imsemmi in bazi ghal motiv illi l-beni elevati kienu jappartjenu lilha u mhux lid-debitur prezunt Paul Hili. Incidentalment, l-imsemmi Paul Hili b’nota pprezentata fis-27 ta’ Marzu, 2003 rrinunzja ghall-eredita` ta’ ommu Teresa Hili (ara Digriet tas-Sekond’ Awla Numru 351/03 a fol. 40);

(3) L-ammont li tieghu Paul Hili kien debitur versu s-socjeta` konvenuta kien Lm1491.22. Dan sew skond it-termini tal-precitat Mandat kif ukoll skond id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-6 ta’ Gunju, 2003 li kkanonizzah (ara kopja a fol. 42). Incidentalment, il-beni prelevati gew mill-espert tekniku stmati fis-somma ta’ Lm8500 (ara relazzjoni ta’ dan l-espert a fol. 12);

Gara li fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti s-socjeta` konvenuta appellanti pprezentat Kontro-Mandat (Numru 94/04) fl-20 ta’ Jannar, 2004 (ara kopja tieghu a fol. 54). Ir-raguni fih moghtija hi dik li hi “intavolat proceduri ohra sabiex tezegwixxi d-drittijiet taghha kontra d-debitur (Paul Hili)”. B’konsegwenza ta’ dan il-Kontro-Mandat l-imsemmi debitur, fil-presenza u bil-kunsens ta’ l-attrici ohtu, irtira l-oggetti precedentement prelevati bil-Mandat ta’ Qbid Numru 466/02. L-ewwel Qorti hadet konjizzjoni ta’ dawn l-atti u ghaddiet biex taghti l-opportunita` lill-kontendenti biex jikkoltivaw transazzjoni dwar l-ispejjez tal-kawza (ara verbal a fol. 62). Sussegwentement, meta giet informata illi ma ntlahqetx it-transazzjoni awspikata l-Qorti ghaddiet biex tisma l-provi u finalment iddecediet il-kwestjoni ta’ l-ispejjez gudizzjarji;

Premess dan, l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti, ukoll b’risposta ghall-osservazzjoni propunjata mill-

attrici appellata, hi f’dan is-sens. Meta l-mertu ta’ kawza jigi transatt jew, ghal xi raguni, ezawrit, fl-ipotesi ta’ mankanza ta’ ftehim bejn il-kontendenti dwar il-kap ta’ l-ispejjez, il-Qorti ghandha tipprovdi ghal kunndanna dwarhom wara li tkun ezaminat il-mertu tat-talba u ta’ l-eccezzjonijiet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti jkollha xorta wahda tiddelibera fuq il-fondament tat-talba ghaliex id-dikjarazzjoni tac-cessjoni tal-mertu tal-kwestjoni ma jezimix lil gudikant fil-mertu milli jippronunzja ruhu fuq l-ispejjez tal-kawza meta dan il-punt ikun kap ikkuntrastat mill-partijiet. Id-duttrina l-aktar akkreditata tippreciza li dan l-ezercizzju ghandu jkun bazat skond il-principju tas-sokkombenza virtwali jew potenzjali. Li jfisser li l-provi jridu jigu xorta wahda valutati mill-gudikant anke jekk ghal fini tar-regolamentazzjoni ta’ l-ispejjez ma ghandux ghalfejn joqghod jaghti motivazzjoni dettaljata;

Ragonevolment, imbaghad, dejjem bi twegiba ghas-sottomissjoni ta’ l-appellata, minn imkien mill-atti ma tirrizulta li s-socjeta` appellanti kienet minn xi dikjarazzoni taghha qeghda espressament tirrinunzja ghall-eccezzjonijiet taghha. Induttivament, ukoll, lanqas ma tista’ tissussisti ebda rinunzja tacita gjaladarba hi kienet qeghda tikkontesta l-kap ta’ l-ispejjez u dan necessarjament jissupponi illi hi ma riedetx tabdika l-linja difensjonali taghha ghat-talba;

Naturalment, dan ma jfisserx illi d-difizi tas-socjeta` appellanti huma valevoli jew meritevoli ta’ akkoljiment. Fir-rigward taghhom, ossija in referenza ghal dawk l-aktar rilevanti fosthom, il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet brevi dwarhom:-

(1) Fuq l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet m’hemmx wisq x’jinghad hlief li s-socjeta` konvenuta esageratament qed tappilja ma’ gudizzju erroneju tal-punt procedurali mqanqal. Il-fatt li l-attrici tikkwalifika lilha nfisha bhala eredi universali ta’ ommha ma jfisserx li l-azzjoni mhix wahda *de proprio* u f’isimha ghax qed issir f’isem u in rapprezentanza ta’ terza persuna mejta. Veru li ma

kellhiex ghalfejn issir din il-kwalifika ghax din kienet superfluwa imma l-Qorti tifhem li hekk saret biex l-attrici taghmel rabta ma' l-oggetti prelevati u derivanti lilha mis-successjoni ta' ommha. Dan igib illi, kif rilevat mill-ewwel Qorti, il-kliem "attrici *nomine*" fil-korp ta' l-Avviz hija zball mekkaniku u xejn izjed minn hekk;

(2) Fuq it-tielet eccezzjoni din il-Qorti ma tarax li kien necessarju li l-attrici taghmel talba dikjaratorja *ad hoc* li l-oggetti elevati kienu proprjeta` taghha. Dan ghal tliet ragunijiet. Fl-ewwel lok, din mhix wahda minn dawk li jridu jigu specifikatament mitlubin. Sekondarjament, din il-kwestjoni hija implicita fit-talbiet l-ohra proposti mill-attrici. Fit-tielet lok ghal kawzi quddiem il-Qrati Inferjuri jezisti d-dispost ta' l-Artikolu 171 tal-Kapitolu 12 b'dawk il-minimi specifikati ghalbiex l-Avviz ikun jiswa;

(3) Fuq ir-raba' eccezzjoni hu koncess li l-uzu tal-kliem adoperat mill-attrici, fejn talbet in-nullita` tal-Mandat ta' Qbid, hu improprju ghaliex dak li messha korrettement talbet kellha tkun ir-revoka tal-Mandat u mhux in-nullita` tieghu. Ara Artikolu 836 (1), Kapitolu 12;

(4) Riferibilment ghall-hames eccezzjoni l-atti processwali ma jissufragawx il-proposizzjoni tas-socjeta` appellanti illi l-attrici ma pprovatx li l-oggetti maqbuda kienu proprjeta` taghha. Sa mill-ewwel xhieda taghha (seduta 20 ta' Ottubru, 2003, fol. 31) l-attrici tiddikjara illi l-hwejjeg li kien hemm fil-fond 45/2 Marina Street, Pieta` kienu taghha u fil-fond "ma kien hemm xejn appartenenti lil hija Paul". Tali dikjarazzjoni la giet zmentita u lanqas, mod iehor, newtralizzata. Huwa inutili li s-socjeta` appellanti tittanta tqajjem il-punt illi ma ngiebetx prova li l-oggetti in kwestjoni ma kienux jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' Theresa u Carmelo konjugi Hili, ghaliex l-attrici ma kellhiex ghalfejn tressaq prova negattiva bhal din. Kien anzi jinkombi fuq is-socjeta` appellanti, jekk kellha xi suspett, li ggib il-prova pozittiva, kontra d-dikjarazzjoni ta' l-attrici, illi l-oggetti kienu effettivament tal-komunjoni u mhux ta' Theresa Hili biss jew ta' l-attrici. Ugwalment, ma tiswiex lanqas is-sottomissjoni l-ohra tas-socjeta` appellanti illi ghax Paul Hili ressaq it-talba ghar-

rilaxx ta' l-oggetti, *ergo* dan b'xi mod kellu sehem jew interess f'dawk l-oggetti. Ragonevolment, la l-atti tal-Mandat ta' Qbid u dawk sussegwenti saru fil-konfront tieghu kellu jsegwi illi l-atti konkomitanti ghar-rilaxx kellhom f'dak l-istadju jsiru minnu ghax hu kien il-persuna ddikjarata milquta bil-Mandat;

Aktar fundamentali minn dan kollu l-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, hi sodisfatta fuq l-atti attendibbli illi s-socjeta` konvenuta appellanti kienet fiz-zmien ta' l-emissjoni tal-Mandat ta' Qbid ghal korrenti tal-fatt illi d-debitur taghha, Paul Hili, ma kienx jirrisjedi fil-fond minn fejn gew maqbuda l-oggetti. Kien ukoll hekk konvint minn dan it-Tribual adit fil-proceduri "Meli Car Rentals Limited -vs- Paul Hili" (Avviz Nru. 377/02/JR) fejn fis-sentenza tieghu rrimarka illi "s-socjeta` attrici kienet taf ben tajjeb il-veru indirizz tal-konvenut, ossija dak ta' Flat 2, 60 Triq ix-Xatt, Pieta`", ghax dak l-iehor (45/2 Dolphin Court, Marina Street, Pieta`) kien ir-residenza ta' ommu. Dan apparti wkoll ir-rilevanzi l-ohra maghmula mill-ewwel Qorti fl-akkwist tal-konvinciment taghha li takkolla l-ispejjez kollha fuq is-socjeta` konvenuta;

Hu principju generali rakkolt mill-gurisprudenza illi "l-obbligu tas-sokkombent f'kawza civili li jirrifondi lir-rebbieh l-ispejjez tal-kawza ghandu bhala fondament guridiku t-turbament tad-dritt li l-<u>kondotta ingusta</u> tkun ikkagunat; u minhabba f'dan, l-ordni privat ma jkunx ristabbilit ghal kollox jekk is-sokkombent ma jirrifondix lir-rebbieh l-ispejjez li kienu necessarji ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni jew tad-difiza (**Mortara,** "**Principi di Proc. Civ.** n. 179)" ("**Veronica Conti -vs- Victor Conti**", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' Marzu, 1957). Issokta jigi pprecizat illi l-kriterju tas-sokkombenza jista' jkollu wkoll bazi fil-kolpa, tant li gie enuncjat illi "l-Qorti tahseb li ghal ragunijiet ugwali, jekk mhux aqwa, ta' gustizzja, l-attur jista' f'kazijiet specjali jew specjalissimi jigi ezonerat minn kull spejjez u dawn jehilhom il-konvenut minhabba l-<u>kolpa</u> jew <u>malizzja</u> ta' dan." Ara "**Francis Vella -vs- John Debono**", Appell Civili, 15 ta' Frar, 1965. Ghal vers iehor, il-kaz prezenti,

fil-fehma tal-Qorti, jista', fic-cirkostanzi maghrufa, jirrientra hu wkoll f'din l-ekwazzjoni.

Ghal motivi kollha dedotti din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------